**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 3

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 3 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2024, fil-17:30 hrs**.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Marico Sammut**
**Segretarju Eżekuttiv** 1 ta' Awwissu 2024

---

Membri Preżenti:

- Ċensu Galea — Sindku
- Christopher Vella Petroni — Viċi Sindku
- Alfred Grima — Kunsillier
- Alexander Agius — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Sandra Gauci — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Rachel Antoinette Williams — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Alan Bugeja — Kunsillier
- Clevion Micallef — Kunsillier
- Joseph Matthew Attard — Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva ebda notifika ta' apoloġija.

**3.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 2**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq rikjesta ta' korrezzjoni kif ġej:

**Paġna 3 item 2.4.5 Infrastruttura Malta (IM) – M 4.3**

1. Wara l-kliem "*Censu Galea spjega li* " jiżdied "***fis-26 jew 27 ta' Ġunju 2024"***

2. Jiżdid: **"*Li ttieħed vot u l-Kunsillier Alfred Grima ivvota kontra.*"**

Saret diskussjoni fejn filwaqt li l-Kunsillier Alfred Grima sostna li ttieħed vot, min naħa tiegħu s-Sindku Ċensu Galea qal li fil-bidu tad-diskussjoni kien intqal dak il-kliem imma iktar tard kien qal li vot ma kienx hemm għalfejn jittieħed għaliex il-Kunsill preċedenti kien diġa approva l-ftehim u għalhekk kien ser jiffirma l-ftehim. Is-Sindku Ċensu Galea ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Numru 2 bil-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni jissekonda l-mozzjoni.

Filwaqt li l-ewwel emenda ġiet aċċettata, it-tieni emenda ma ġietx aċċettata għaliex ma kienx ittieħed vot. Il-minuti ġew approvati kif ġew ikkoreġuti fuq il-punt mressaq numru 1, bil-Kunsillier Alfred Grima jibqa' ma jaqbilx.

**3.3 Punti mill-minuti**

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li ssir emenda fil-minuti tal-laqgħa numru 1. Huwa ressaq rikjesta bl-emenda mitluba imma din ma ġietx aċċettata mis-Sindku għaliex il-minuti tal-laqgħa numru 1 kienu ġew approvati fil-laqgħa numru 2.

**3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**3.4.1 Permess - BBQ ta' wara l-festa**

Il-Kumitat tal-festa talab il-permess biex fil-31 ta' Awwissu jorganizza l-BBQ ta' wara l-festa fejn issir il-Lejla Pawlina fi Triq San Franġisk. Filwaqt li kullħadd kien favur il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li kopja tal-korrispondenza tal-punti taħt 'Komunikazzjoni mis-Sindku' ma kienux waslu għandu.

**3.4.2 Stedina mis-Sindku ta' Oroslavje**

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li kienet saret stedina mis-Sindku ta' Oroslavje għall-viżita bejn is-16 u 18 ta' Awwissu minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Oroslavje. Minħabba li d-dati kienu viċin ma kienx possibbli li rappreżentanti mill-Kunsill jattendu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma b'dan lis-Sindku ta' Oroslavje.

**3.4.3 Korrispondenza ta' MN Ltd.**

Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni fuq talbiet ta' permessi f'129 Triq San Pawl, fejn biex isiru x-xogħlijiet ikun hemm bżonn tingħalaq it-triq. Spjega kif fis-6 ta' Lulju l-kuntrattur ma osservax il-kundizzjonijiet mitluba, bħal għeluq tat-triq qabel il-ħin miftiehem, ma

tpoġġewx tabelli fejn ir-roundabout tal-Erba’ Mwieżeb biex jinfurmaw li Triq San Pawl mhux ser tkun aċċessibli l-fuq min Triq Parades u li l-uffiċjal li kellu jkun ħdejn ir-roundabout tax-Xemxija ma kienx f’postu u għaldaqstant kienet qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku nforma li l-kuntrattur kien qed jagħmel diversi applikazzjonijiet onlajn pero lis-Sindku kien infurmaħ bid-data tas-27 ta’ Lulju fejn minħabba li dik kienet lejliet il-festa din ma kienetx possibbli. Spjega li kienu ntbagħtu domandi min One News kif ukoll wara ntbagħat mandat mill-Qorti. Kemm lil-One News kif ukoll lil-Qorti ntbagħtu r-risposti rispettivi. Spjega li l-ewwel obbligu li għandu l-Kunsill huwa lejn ir-residenti għalkemm mhuwiex kontra li x-xogħlijiet isiru. Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa kif kien inħareġ il-permess sat-8.00 ta’ filgħaxija fejn ġie kkonfermat mis-Sindku li dan kien possibbli. Is-Sindku Ċensu Galea spjega li kien hemm okkażjoni fejn il-kuntrattur għalaq it-triq b’permess ta’ ħaddieħor jew li ma kienx maħruġ mill-Kunsill u għalhekk intalab mill-LESA biex iżarma. Kien ukoll tal-fehma li jsir xi forma t’arranġament għat-trasport pubbliku minħabba l-inkonvenjent li jinħoloq kull darba li tingħalaq it-triq. Il-Kunsillier Alfred Grima talab kopja tal-korrispondenza.

Il-Kunsill qabel li l-permessi għandhom jinħarġu imma l-kuntrattur għandu l-obbligu li josserva l-kundizzjonijiet tal-permess biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent għal kull min juża din it-triq arterjali.

### 3.4.4 Aġġornament fuq il-playground Joseph P. Caruana

Il-kuntrattur għandu jibgħat *samples* tal-madum u *sanitry ware* tal-latrina.

#### 3.4.4.1 Avviz dwar Penali Amministrattiva - FIN00640/24

Is-Sindku nforma li minħabba li waqt ix-xogħol li kien qed isir mill-kuntrattur kienet mietet siġra, l-ERA kienet infurmat lil-Kunsill li kienet qed tapplika multa amministrattiva ta’ elf ewro (€1000) u x-xiri ta’ disa’ siġriet indiġeni ta’ mhux inqas min sittin (60) ċentimetru għoli biex jingħataw lill-Ambjent Malta. Ġie spjegat li immedjatament kif inqalet is-siġra l-mejta il-Kunsill kien ħa ħsieb jħawwel siġra indiġena tal-ballut ta’ madwar erba’ metri għas-spejjes tal-kuntrattur. Għaldaqstant il-kunsill qabel li għanda ssir talba lil-ERA biex fil-multa titħallas id-differenza bejn l-ispiża tas-siġra li tħawwlet u l-multa mitluba.

### 3.4.5 Cir AKL 2023/045 LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li l-iskema preċedenti li tintalab rifuzzjoni għall-spejjes ta’ nfurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal kienet reġgħet infetħet.

### 3.4.6 Designated Parking Spaces E-Charging Station

Is-Sindku Ċensu Galea talab lil kunsillier Clevion Micallef biex jispjega t-talba li kienet saret biex żewg *parking spaces* hdejn il-Gillieru jsiru *charging pillars*. Il-kunsill approva nem.com.

### 3.4.7 Direttiva 1/2024 – Laqgħat Statutorji tal-kunsilli

Is-Sindku Ċensu Galea spjeġa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ħareġ ċirkolari fejn il-Kunsilliera kienu mitluba biex għall-laqgħat statutorji ikunu preżenti u kien f’każijiet eċċezjonali li jattendu onlajn.

**3.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport**

**3.5.1 *Quarterly Financial Report 2, Jannar – Ġunju 2024***

Is-Sindku Ċensu Galea talab li din l-item tiġi diferita sakemm jasal l-*accountant*. Il-kunsill approva nem.com

Wara punt numru 3.9 l-accountant spjega r-rapport finanzjarju u wieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera. Ir-rapport ġie approvat nem.com kif tressaq.

**3.6 Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li l-kanditat magħżul kien informa lill-Kunsill li ma kienx qed jaċċetta li jservi bħala Segretarju Eżekuttiv fill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. B'dan ġie nfurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li min naħa tiegħu nforma li issa trid isir għażla ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nforma li kien kellem diversi persuni u wieħed minnhom kien aċċetta u issa kien qed jistenna konferma min-naħa tad-Dipartiment.

**3.7 Approvazzjoni mill-Kunsill biex is-Sindku Ċensu Galea jiġi maħtur amministrattur fuq il-BOV - *Alternative Delivery Channels* tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li wara li kienu ħadu l-ġurament tal-ħatra s-Sindku u l-Viċi Sindku u żewġ kunsilliera li ma kienux ħadu l-ġurament fil-25 ta' Ġunju, fit-3 ta' Lulju, kien mar il-BOV fl-4 ta' Lulju bil-formola *'Change in Signing Officers'* biex isir it-tibdil tal-firmatarji mis-Sindku preċedenti għas-Sindku attwali fuq il-kontijiet tal-bank. Wara kien infurmat li trid issir *'Board Resolution'* speċifika biex is-Sindku Ċensu Galea isir amministratur fuq il-BOV *Alternative Delivery Channels* tal-Kunsill. Għalhekk kienet qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex is-Segretarju Ezekuttiv ikun jista' jipprezenta l-*Board Resolution* lill-Bank.

Il-Kunsill approva nem.com.

Il-Kunsillier Alfred Grima nforma li hu kien ta' struzzjonijiet biex ma jiġux awtorizzati pagamenti f'ismu u għalhekk kien qed jitlob li l-ijmejl li kien bagħat tkun inkluża fil-minuti (Appendiċi A). Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li pagamenti li kienu saru kienu jew pagamenti fuq tenders, paġi u allowances jew honoraria. Minħabba dan il-fatt il-paġi ta' dan ix-xahar kienu ser isiru biċ-ċekkijiet sakemm isir it-tibdil neċessarju min-naħa tal-Bank fuq il-BOV *Alternative Delivery Channels* tal-Kunsill.

**3.8 Ġnien it-Tfulija Burmarrad - Deċiżjoni fuq ir-rapport tal-MCCAA, ħinijiet tal-ftuħ u min ser jiftaħ u jagħlaq il-Ġnien**

Wara lir-rapport tal-MCCAA ġie iċċirkolat mall-kunsilliera kien hemm approvazzjoni li dak rikjest jiġi mplimentat.

Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-ħinijiet tal-ftuħ ikunu kif ġej:

Fis-Sajf min Ġunju sas-Settembru mit-8.00am sa l-10.00pm
Fix-Xitwa min Ottubru sa Mejju mit-8.00am sat-8.00pm

Kif ukoll li għanda tinħareġ RFQ biex isir dan is-servizz tal-ftuħ u l-għeluq tal-Ġnien u li ma jkunx permess dħul ta' klieb fil-Ġnien.

### 3.9 Lezzjonijiet – *Junior Science Club*

Il-Kunsill approva li jikkollabora biex fil-lokalita' jinżammu sezzjonijiet ta' *Junior Science Club* għat-tfal wara l-ħinijiet ta' l-iskola bejn Ottubru 2024 u Mejju 2025. Dawn ser isiru fil-Kulleġġ Maria Reġina, Qawra. Il-kunsill approva ukoll, li jagħmel tajjeb finanzjarjament għal ħlas ta' €16 kull siegħa għall-Animatur kemm għal preparamenti kif ukoll għall-lezzjonijiet bil-ħlas għal siegħa preparamenti għal kull siegħa tagħlim għal kull attivita' ta' siegħa u kwart, darba fil-ġimgħa kif ukoll għat-€80 ħlas għal kull student. Dan diment li student/a jattendi minn ta' l-anqas 80% tas-sezzjonijiet kollha.

### 3.10 Attivita' *Summer Splash* – 7 ta' Settembru 2024

Il-kunsill approva li ssir l-attivita *Summer Splash* nhar 7 ta' Settembru, 2024. Għall-attivita ġiet ivvutata s-somma ta' mhux aktar minn €1,000. Ippropona s-Sindku Ċensu Galea u s-sekonda l-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni.

### 3.11 Serata tal-Malta International Folk Festival fil-Pjazza ta' Bugibba nhar il-Ġimgha 27 ta' Settembru u Festival Internazzjonali tal-Baned nhar is-Sibt 28 ta' Settembru

Il-kunsill approva li ssir l-attivita *Malta International Folk Festival* nhar il-Ġimgha 27 ta' Settembru u Festival Internazzjonali tal-Baned nhar is-Sibt 28 ta' Settembru. Għall-attivita ġiet ivvutata s-somma ta' mhux aktar minn €5,000. Ippropona l-kunsillier Alfred Grima u ssekonda l-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni.

### 3.12 Tenders

#### 3.12.1 - Tender Soft Areas – SPB/T 04/2022

Saret diskussjoni fuq il-kuntratt tas-Soft Areas fejn ġie diskuss li l-kuntrattur mhux qed jonora l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt. F'laqgħa nformali mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv il-kuntrattur talab reviżjoni tal-kuntratt. Il-Kunsillier Alfred Grima ġibet l-attenzjoni li għandu nformazzjoni li l-kuntratturi qed jiġu avviċinati direttament min xi kunsilliera. Is-Sindku Ċensu Galea qal li dan ma jistax isir. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-kuntrattur ser ikun infurmat li l-obbligi tiegħu hu li jimxi ma dak li kien hemm fit-tender u l-kuntratt. Jekk dan mhux ser isir ser jinħarġu *d-default notices.*

**Il-Kunsillier Sandra Gauci ġiet skużata fi-19:40hrs.**

#### 3.12.2 – Tender Health Attendants – SPB/T 02/2024 Lot 1 & Lot 2

Wara diskussjoni ġie deċiż li minħabba li hemm l-aġġudikazzjoni pendenti l-Kunsill għandu jistenna l-eżitu tal-evalwazzjoni tat-tender eżistenti. Kien hemm suġġeriment mill-Viċi Sindku Chris Vella Petroni li ssir kunsiderazzjoni li jkun hemm *attendant* u jkun hemm ħlas imma din tirrikjedi li tidaħħal Bye Law ġdida.

**Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jiġu diskussi 'It-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera' sabiex ikun jista jiġi skużat. Għalhekk il-Kunsill għadda biex jiddiskuti item 3.15.**

### 3.13 Sitwazzjoni tal-indafa fil-lokalita'

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li s-sitwazzjoni tal-indafa fil-lokalita' hemm bżonn li titranġa. Għalkemm huwa minnu lin-nies jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' ndafa hemm ukoll nuqqasijiet li jridu jiġu ndirizzati. Semma l-kuntratt tal-knis, il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart li huwa responsabiltà' tar-Reġjun Tramuntana kif ukoll li m'hemmx l-ebda forma ta' kontroll u dixxiplina. Semma wkoll li l-kuntrattur kien obbligat li jipprovdi għaxar kenniesa u li ma dawn kien hemm xi arranġament mhux uffiċjali li jkun hemm għaxar kenniesa min-naħa tal-Cleansing and Maintenance Department (CMD) għal xi tul taż-żmien. Il-Kunsill kien ukoll riċentement approva ż-żieda ta' erbgħa kenniesa oħra. Semma wkoll li skont il-kuntratt, il-kuntrattur tal-knis kien suppost jipprovdi GPS *trackers* li minnhom tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-rotta tal-knis li tkun saret kif ukoll kellu jipprovdi l-ismijiet tal-kenniesa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-ftehim kien li lil Contracts Manager kellu jingħatalu rapport fl-aħħar tal-ġimgħa bir-rotot li jkunu saru wara li l-kuntrattur kien ikkonferma li l-GPS *trackers* fil-fatt kienu nxtraw. Kellu wkoll jipprovdi l-ismijiet tal-kenniesa.

Intqal ukoll li issa l-kenniesa min-naħa tas-CMD naqsu għal erbgħa. Issemmew ukoll id-diffikultajiet li kien hemm biex kienu ġew miftiehma t-toroq li kellhom isiru min naħa tas-CMD u l-problema li f'punt minnhom il-Pjazza ta' Buġibba u l-front ma kienux qed isiru mis-CMD skont MOU li kien hemm iffirmat għaliex dawn kienu qed jgħidu li t-toroq li kienu miftiehma li jsiru dawk il-ħaddiema li kienu jagħmlu dax-xogħol qabel kienu parti minnhom. Għaldaqstant possibbilment irid isir tibdil fl-iskeda tal-knis mal-kuntrattur (skont l-obbligi tat-tender u l-kuntratt).

Fuq is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart is-Sindku spjega li minħabba li min Jannar 2023 l-iskeda ġiet nazzjonali u hi amministrata mir-Reġjuni kif ukoll ma setax isir ġbir żejjed, inħolqu diversi problemi minħabba li dak li jista' jkun tajjeb għal-raħal ieħor ma jaħdimx fil-lokalita' ta' San Pawl. Is-Sindku kkonkluda billi qal li hu kien ser ikompli jinsiti kemm mar-Reġjun kif ukoll mall-kuntrattur biex dawn il-problemi jiġu solvuti. Issemma wkoll li jista' jkun hemm xi forma ta' arranġament mar-Reġjun li kartun kummerċjali jinġabar mill-kuntrattur.

### 3.14 Deċizjoni dwar rikonoxximenti

Is-Sindku ppropona li jkun hemm budget ta' €1000 fis-sena biex meta jkun hemm xi rikonoxximent mhux kull darba jkun irid jiġi vvutat budget għal dak ir-rikonoxximent partikolari. Il-Kunsill xorta jkun infurmat b'xi rikonoxximent li ser ikun fis-seħħ. Il-Kunsill qabel nem.com. Naturalment dan kien jgħodd ukoll għar-rikonoxximent għat-tim tan-nisa tas-Sirens Water polo club li kien rebaħ il-league.

Sar suġġeriment mill-kunsillier Clevion Micallef li ssir diskussjoni fuq Jum San Pawl. Filwaqt lis-Sindku qal li dan is-suġġett jitpoġġa għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss, il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni li din il-materja kienet ġiet diskussa fil-Kunsill preċedenti u l-mozzjoni kient għaddiet. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jfittex il-minuta rispettiva.

### 3.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsilliera Sandra Gauci staqsiet jekk huwiex possibli li tingħata xi tip ta' rċevuta għall-frieghi tal-palm li nqatgħu. Ntqal li dawn il-frieghi ma jistawx jintużaw għas-sajd tal-lampuki u għalhekk il-kuntrattur ser jintalab jagħti xi forma ta' rċevuta meta ddispona minnhom il-Wasteserve.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa:

B'referenza għal Artiklu 13 (1), Sitt Skeda, Ordnijiet Permanenti, Att dwar il-Kunsilli Lokali, qed nagħmel il-mistoqsijiet segwenti biex jekk jogħġbok tweġibhom b'mod uffiċċjali waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-8 ta' Awwissu 2024:

1. Konsegwenza li f'Lulju ta' 2024 it-temp kien aktar sħun minn normal;

a. Kemm f'numri nħarġu purchase orders mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għax-xiri ta' ilma għat-tisqija addizzjonali tal-pjanti, siġar u arbuxelli madwar il-lokalita' kollha fix-xahar inkwisstjoni, kif seħħ tul diversi snin preċidenti?

b. Kemm kien il-valur totali għas-servizz inkwisstjoni għall-istess perjodu?

c. X'data kienet ta' meta nħarġet is-sejħa pubblika?

d. Min kien il-kuntrattur li forna s-servizz meħtieġ?

Napprezza jekk jogħġbok, li d-dokumenti inkwisstjoni jiġu ppreżentati waqt il-laqgħa tal-kunsill tat-8 ta' Awwissu 2024

Is-Sindku Ċensu Galea nforma lill-Kunsillier Alfred Grima li sa dakinhar l-informazzjoni kienet li ma kien inxtara l-ebda serviżż min dawk indikati.

**Il-Kunsillier Alfred Grima ġie skużat fi-19:55hrs.**

## 3.16 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż

### 3.16.1 – RFQ - Xiri ta' serviżż ta' electrician/ plumber

Ġie maqbul nem.com li l-RFQ fis-suġġett terġa tinħareġ.

### 3.16.2 – Ħlas għal-ħinijiet *extra* ta' handover u sapport mis-Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill ser ikun qed jiċċekkja xi hlasijiet jistgħu isiru bħala kumpens għas-sigħat ta' ħin li jkun għamel is-Segretarju Eżekuttiv waqt li qiegħed bil-leave.

**Intervent min-residenti**

Zewġ residenti mix-Xemxija preżenti għal-laqgħa talbu li jagħmlu ntervent. Il-kunsill aċċetta nem.com. Dawn infurmaw lill-Kunsill li wara li kellhom laqgħa ma' uffiċjal mill-OPM huma kienu ntalbu javviċinaw lill-Kunsill biex jikteb lill-OPM. Il-Kunsill nformahom li il-Kunsill jrid jirċievi komunikazzjoni uffiċċjali mingħand l-OPM biex ikun jista jirrispondi.

## 3.17 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti 8

Il-Kunsillier Alan Bugeja ippropona u l-Kunsillier Alexander Agius ssekondaw rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill.

Il-kunsill approva nem.con

### 3.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss

Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.35 u aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Settembru 2024 fil-17.30

**Approvati fit-3 ta' Settembru 2024**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Ċensu Galea | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |